KUNJOM TA' MARA DIVORZJATA BARRA MINN MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 32**
**Rikors Guramentat Numru : 540/2016/LSO**

**Juliana Redaelli Cristina**
**(KI 0323580M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Juliana Cristina (Kl 0323580M) datat 5 ta’ Lulju 2016 fejn esponiet: -

IIli r-rikorrenta zzewget lil Maurizio Redaelli, fil-5 ta' Mejju 2007, bhal ma jirrizulta mill-anness Att taz-Zwieg referenza 339/2007 (Dok A);

IIli r-rikorrenta ottjeniet divorzju barra minn Malta, f'Qorti Belgjana, fid-29 ta' Marzu 2010, kif jirrizulta mill-anness Dok 'B';

IIli l-awtoritajiet Maltin irrikonoxxew dan id-divorzju, bhal ma jirrizulta mill-addenda ta' l-istess Att taz-Zwieg (Dok A);

Illi skont il-Kodici Civili (Kap 16, Ligijiet ta' Malta), artiklu 66L(4)(b) il-mara ghandha l-fakulta' li, permezz tad-divorzju, terga' lura ghal kunjom xbubitha;

IIli peress li d-divorzju sar barra minn Malta, il-Qorti estera ma kellhiex gurisdizzjoni biex tordna lid-Direttur konvenut f'din il-kawza, jippermetti lir-Rikorrenta (recte :*rikorrenti*) sabiex terga' lura ghal kunjom xbubitha;

Illi peress li d-divorzju taghha gie rikonoxxut hawn Malta, ir-Rikorrenta tixtieq li dan id-divorzju Belgjan ikollu l-istess effetti fil-ligi daqs li kieku sar hawn Malta, u hi terga' lura ghal kunjom xbubitha, bhal ma tippermetti l-Kodici Civili ta' Malta, daqs li kieku d-divorzju sar hawn Malta.

IIIi ghalhekk kellha ssir din il-kawza, *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrenta, prevja li din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug tal-avviz *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Takkolja ghat-talba tar-rikorrenta u tawtorizza li r-Rikorrenta terga' lura ghal kunjom xbubitha;

2. Tiddikjara *ai* finijiet u effetti kollha tal-ligi li kunjom ir-Rikorrenta ghandu jkun 'Cristina' u mhux aktar 'Redaelli Cristina';

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu dawk il-passi kollha necessarji, sabiex ir-Rikorrenta tkun ufficjalment maghrufa u rrikonoxxuta b'kunjom xbubitha;

U dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Bl-ispejjez u l-intimat ngunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 1 ta' Awwissu 2016 (fol 14) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma dan li gej: -

1. Illi *in linea* preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent umilment jirrileva li mill-Att taz-Zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 460 tas-sena 2007 ma jidhirx li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghat-talbiet attrici salv pero` li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli;

4. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

5. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 25 ta’ Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr Ivan Mifsud. Dehret Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. L-intimat irrimetta ruhu ghar-risposta guramentata salv ghall-kap tal-ispejjez. Dr Mifsud iddikjara li qed jirtira t-talba dwar il-kap tal-ispejjez. L-intimat accetta l-awtenticita' tal-atti esebiti ghall-fini ta’ dawn il-proceduri.

Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar x'jipproducu u li l-kawza tista’ tibqa’ ghas-sentenza.

Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Novembru 2016 fid-9:30a.m.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-8 ta’ Novembru 2016 fejn il-Qorti rat li l-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern rikjest skont l-artikolu 254 tal-Kodici Civili saret fl-1 ta’ Novembru 2016. Ghaldaqstant issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jghaddi t-terminu previst mill-imsemmi artikolu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Novembru 2016 fejn il-Qorti wara li rat li ma gietxipprezentata xi opposizzjoni ghat-talba u ghaddew hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-publikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** saret tardivament, u mhux debitament fit-terminu ta' zmien stabbilit fil-ligi. L-artikolu 254 jipprovdi li l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, ghandha ssir tal-anqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza. Fil-kaz in ezami, jirrizulta, li l-ewwel appuntament ghas-smigh tal-kawza kien fil-25 ta' Ottubru 2016, filwaqt li l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fit-28 ta' Ottubru 2016 (fol 24). Ma jirrizultax li dahlet l-ebda oggezzjoni, wara l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. Ikkunsidrat, li mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern sad-data ta' din id-decizjoni, kien hemm zmien adegwat f'kaz li kellha tidhol oggezzjoni li topponi ghat-talba tar-rikorrent. Izda, dan irrizulta fin-negattiv u ghalhekk anke bl-applikazzjoni tal-principju tal-*jus superveniens,* din il-Qorti ser tghaddi biex taggudika t-talbiet fil-mertu.

Illi r-rikorrenti qed titlob li terga' lura ghal kunjom xbubitha *stante* li hi ottjeniet divorzju f'pajjiz esteru, ossija fil-Belgju **Dok B** (fol 5). Jirrizulta li dan id-divorzju gie rikonoxxut mill-Awtoritajiet Maltin, hekk kif jidher mill-*addendum* ghall-istess Att taz-Zwieg **Dok A** (fol 4). In sostenn ghall-kaz taghha, r-rikorrenti esebiet ukoll kopja tac-certifikat tat-

twelid taghha, esebit a fol 18, fejn jirrizulta li kunjom xbubitha huwa 'Cristina'. Inoltre`, esebiet ukoll, serje ta' e-mails mal-konsulent legali fil-Belgju, fejn kienet trattata il-kwistjoni tal-kunjom wara d-divorzju (fol 18-19).

Ikkunsidrat li *ai termini* tal-**artikolu 66L (4)(B) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, il-mara tista' terga' lura ghal kunjom xbubitha wara li tottjeni divorzju. Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti hadet kunjom ir-ragel malli zzewget, izda ladarba z-zwieg m'ghadux fis-sehh, hi ghandha l-fakolta` terga' lura ghal kunjom xbubitha. Illi t-talba odjerna mhix talba ghal korrezzjoni ta' zball, izda hija talba sabiex dak li hu rikonoxxut u permess mil-Ligi stess jinghata rikonoxximent formali f'kaz ta' mara mizzewga li ottjeniet id-divorzju minn gurisdizzjoni estera.

Ikkunsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza. *Di piu`*, gie verbalizzat, li l-intimat accetta l-awtenticita` tal-atti esebiti *ai fini* tat-talba odjerna.

Rat ukoll li r-rikorrenti rtirat it-talba taghha dwar il-kap tal-ispejjez .

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet u mit-talbiet kif gej:

1 Tilqa' l-ewwel talba u tawtorizza lir-rikorrenti terga' lura ghal kunjom xbubitha 'Cristina';

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara *ai* finijiet u effetti kollha tal-ligi li kunjom ir-rikorrenti ghandu jkun 'Cristina' u mhux aktar 'Redaelli Cristina';

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni mehtiega sabiex ir-rikorrenti tkun ufficjalment maghrufa u rikonoxxuta bil-kunjom 'Cristina' minnflok 'Redaelli Cristina'.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Novembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Novembru 2016**